**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Nru **1140/2021 (AD)**

**Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 1519/2021 fl-ismijiet:**

**MAMDOUH ALTLLAS (KI 62005A)**
**U MARTU**
**MARIA ALTLLAS (KI 354979M)**
**FLIMKIEN MAL-KUMPANIJA**
**AMIR LIMITED (C 67521)**

**VS**

**J & C CONTRACTS LIMITED (C 13386) U**
**JOSEPH CHETCUTI (KI 435069M)**
**U MARTU**
**LOURDES CHETCUTI (KI 456871M)**

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali dwar talba ta' J & C Contracts Limited, Joseph Chetcuti u Lourdes Chetcuti magħmula ai termini tal-artikoli 836(1)(c), (d), (e) u (f),

836(8) u 838A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, għar-revoka tal-mandat ta’ sekwestru bin-numru 1519/2021;

**Preliminari**

2. B’rikors preżentat nhar il-ħdax (11) t’Ottubru 2021, is-sekwestranti Mamdouh Altllas u martu Maria Altllas, flimkien mas-soċjeta’ Amir Limited talbu l-ħruġ ta’ mandat ta’ sekwestru kawtelatorju fil-konfront tas-soċjeta’ J & C Contracts Limited u Joseph u Lourdes konjuġi Chetcuti, u dan in kawtela tas-somma ta’ erba’ mija u ħamsa u tletin elf Ewro (€435,000) bir-riserva wkoll għal kull somma oħra li talvolta tkun dovuta lis-sekwestranti, rappreżentanti danni allegatament dovuti mis-sekwestrati lis-sekwestranti skont ir-rikors ġuramentat intavolat fl-istess ismijiet bin-numru 997/2021;

3. Din il-Qorti kif diversament presjeduta laqgħet it-talba tas-sekwestranti biex jinħareġ il-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju kif rikjest (mandat ta’ sekwestru kawtelatorju bin-numru 1519/2021) nhar il-ħdax (11) t’Ottubru 2021 stess;

4. B’rikors preżentat nhar id-dsatax (19) ta’ Novembru 2021, J & C Contracts Ltd u Joseph u Lourdes konjuġi Chetcuti talbu lil din il-Qorti sabiex: (a) tiddikjara illi r-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta’ sekwestru *de quo* huwa null u bla effett fil-liġi stante li ma jsegwix ir-rekwiżiti tal-artikolu 831 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; (b) tirrevoka, tħassar u tikkanċella fl-intier tiegħu l-mandat ta’ sekwestru de quo a tenur tal-Artikolu 836(1)(ċ), (d), (e) u (f) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; (c) tikkundanna lis-sekwestranti kollha sabiex iħallsu penali lis-sekwestrati rikorrenti kollha ai termini tal-Artikolu 836(8) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; (d) alternattivament, u f’każ li t-tieni talba ma tintlaqax, tordna lis-sekwestranti kollha u cioe Mamdouh Altllas, Maria Altllas, u kif ukoll is-soċjeta’ Amir Limited sabiex jagħtu, fi żmien stabbilit minn din il-Qorti iżda żmien qasir, garanzija xierqa għall-ħlas ta’ penali, somma li tkopri d-danni kkawżati lis-sekwestrati kollha flimkien mal-imgħaxijiet sofferti mis-

sekwestrati rikorrenti kollha, u tordna li fin-nuqqas li s-sekwestranti jonqsu milli jagħmlu tali depożitu fis-somma stabbilita u fi żmien konċess lilhom, jitneħħew kontra s-sekwestrati rikorrenti kollha l-effetti kollha legali tal-mandat ta' sekwestru odjern fl-ismijiet *Mamdouh Altllas et vs J & C Contracts Limited et* bin-numru ta' reġistrazzjoni 1519/2021, u dan prevja kull provvediment ieħor li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun, bl-ispejjeż kontra s-sekwestranti;

5. Permezz ta' nota preżentata nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Diċembru 2021, is-sekwestranti opponew għat-talba tas-sekwestrati sabiex il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1519/2021 jiġi revokat, u dan għal diversi raġunijiet, fosthom, in suċċint, illi r-rekwiżiti mitluba mil-liġi proċedurali għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju ġew kollha sodisfatti, u ma hemm ebda raġuni għaliex il-mandat odjern għandu jkun rimoss.

**Fatti tal-Każ**

6. Permezz ta' skrittura privata datata tletin (30) t'Awwissu 2018, il-konjuġi Altllas inkarigaw lil J & C Contracts Ltd biex teżegwixxi appalt konsistenti f'kostruzzjoni u bini ta' proprjeta' fin-Naxxar, Malta. Dan l-appalt ġie eventwalment sospiż, terminat, u x-xogħol tkompla minn terzi persuni. Il-bilanċ pretiż minn J & C Contracts Ltd għax-xogħol illi twettaq minnha, fl-ammont ta' €335,801.39, ġie kawtelat permezz tal-Privileġġ Speċjali numru 21226/2018, liema privileġġ laqat l-istess proprjeta' suriferita fin-Naxxar;

7. B'sentenza ta' din il-Qorti kif diversement presjeduta tal-5 ta' Ġunju 2020 fl-ismijiet ***J & C Contracts Ltd vs Mamdouh Altllas u Maria Altllas*** (Rik Ġur Nru 132/2019 GM), il-konjuġi Altllas ġew ikkundannati jħallsu lil J &C Contracts Ltd is-somma ta' €317,319.58. Wara din is-sentenza, il-partijiet waslu għal kompromess fejn J & C Contracts Ltd kellha tirriduċi u eventwalment tikkanċella l-Privileġġ Speċjali Nru 21226/2018, *man mano*

li l-konjuġi Altllas jittrasferixxu lil terzi d-diversi *units* fil-kumpless ta' bini fuq imsemmi ġewwa n-Naxxar, Malta;

8. Madanakollu, dan ma setax iseħħ, għaliex is-soċjeta' J & C Contracts Ltd, fis-26 ta' Ġunju 2020, ġiet ikkanċellata u mħassra mir-Reġistru tal-Kumpaniji. Għaldaqstant, il-kanċellament tal-iskrizzjoni tal-Privileġġ Speċjali ma setax isir, u l-bejgħ tal-*units* fil-kumpless ta' bini fin-Naxxar, Malta ma setgħax javvera ruħu. Il-konjuġi Altllas inizjaw proċeduri ġudizzjarji sabiex l-isem J & C Contracts Ltd jerġa' jidħol fir-Reġistru tal-Kumpaniji (Rik Ġur Nru 64/2020 JZM), kif għamlu wkoll Joseph u Lourdes konjuġi Chetcuti fil-kwalita' tagħhom t'azzjonisti tas-soċjeta' J & C Contracts Ltd (Rik Ġur Nru 25/2020 JZM);

9. Nel frattemp, fit-30 ta' Ġunju 2020, is-soċjeta' Amir Limited, illi tagħha l-konjuġi Altllas huma l-azzjonisti, daħlet f'wegħda ta' xiri sabiex takkwista proprjeta' f'Ħal Balzan. Minn dan l-iżvilupp, Amir Limited tgħid illi kien ġie prospettat illi ser taqla' profitt *gross* ta' €435,000;

10. Il-proċeduri ġudizzjarji inizjati mill-konjuġi Altllas fil-konfront tar-Reġistratur tal-Kumpaniji u Joseph Chetcuti ġew deċiżi b'sentenza tat-22 ta' Diċembru 2020, u l-kumpanija J & C Contracts Ltd reġgħet daħlet fir-Reġistru tal-Kumpaniji. Konsegwentement, l-azzjoni ġudizzjarja inizjata mill-konjuġi Chetcuti ġiet ċeduta;

11. Madanakollu, sakemm il-proċeduri rigward l-*istatus* tas-soċjeta' J & C Contracts Ltd kienu għadhom *sub judice*, il-Privileġġ Speċjali bin-numru progressiv 21226/2018 ma setax jiġi ridott u/jew kanċellat, u għalhekk il-*units* fin-Naxxar ma setgħux jinbiegħu mill-konjuġi Altllas. Il-konjuġi Altllas qegħdin jikkontendu illi r-rikavat mill-bejgħ tal-proprjetajiet fin-Naxxar kellu jiffinanzja l-akkwist tal-fond f'Ħal Balzan mis-soċjeta' Amir Limited, u li għalhekk l-impossibilta' ta' J & C Contracts Limited illi tersaq għar-riduzzjoni u finali kanċellament tal-iskrizzjoni tal-Privileġġ Speċjali fuq il-proprjeta' fin-Naxxar tellef lil Amir Limited milli takkwista u tagħmel qliegħ fuq il-bini u żvilupp tal-proprjeta' f'Ħal Balzan;

12. Eventwalment, bi skrittura privata tat-30 ta’ Marzu 2021, il-konjuġi Altllas u J & C Contracts Limited waslu għal ftehim dwar il-ħlas ta’ €390,000 dovut mill-konjuġi Altllas lis-soċjeta’  J & C Contracts Limited, u s-soċjeta’ J & C Contracts Ltd dehret għar-riduzzjoni *man mano* tal-privileġġ speċjali u finalment ikkanċellat l-iskrizzjoni tal-Privileġġ Speċjali b’att pubbliku datat 7 t’April 2021;

13. Is-soċjeta’ Amir Limited u l-konjuġi Altllas ħadu azzjoni ġudizzjarja fil-konfront ta’ J & C Contracts Limited u l-konjuġi Chetcuti permezz ta’ rikors ġuramentat bin-numru 997/2021, permezz ta’ liema proċeduri qegħdin jitolbu likwidazzjoni u ħlas ta’ danni allegatament sofferti minnhom per konsegwenza tal-fatt illi m’akkwistawx, ma żviluppawx u ma setgħux ibiegħu l-proprjeta’ f’Ħal Balzan. In oltre, in kawtela ta’ dak mitlub bħala danni fir-rikors ġuramentat, is-soċjeta’ Amir Limited u l-konjuġi Altllas intavolaw ukoll il-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju odjern fl-ammont ta’ erba’ mija u ħamsa u tletin elf Ewro (€435,000);

14. Sussegwentement għall-ħruġ tal-mandat kawtelatorju odjern, il-Bank kummerċjali Bank of Valleta plc iddepożita fir-Reġistru tal-Qorti permezz ta' ċedola ta’ depożitu fl-atti tal-istess mandat ta’ sekwestru kawtelatorju l-ammont sħiħ u totali li qed jitolbu s-sekwestranti, u  cioe erba’ mija u ħamsa u tletin elf Ewro (€435,000). F’din iċ-ċedola ta’ depożitu, il-Bank of Valletta plc irrimarkat illi dawn l-flus jappartjenu lis-sekwestrati Lourdes Chetcuti u J & C Contracts Limited.

**It-Talba għal Revoka mis-Sekwestrati J & C Contracts Limited u Joseph u Lourdes konjuġi Chetcuti**

15. Fl-ewwel lok, is-sekwestrati qed jikkontendu illi l-mandat ta’ sekwestru *de quo* **huwa null u bla effett fil-liġi**, stante illli ma jsegwix ir-rekwiżiti tal-artikolu 831 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

16. Fit-tieni lok, is-sekwestrati qed jitolbu r-revoka tal-mandat kawtelatorju odjern. Din it-talba għal revoka ġiet magħmula ai termini:

   a. tal-Artikolu 836(1)(ċ) tal-Kap. 12, li jistabilixxi illi l-mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat jekk *"ikun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni"*;

   b. tal-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12, li jistabbilixxi illi l-mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat *"jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv"*;

   c. tal-Artikolu 836(1)(e) tal-Kap. 12, li jistabbilixxi illi l-mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat *"jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed"*; u

   d. tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12, li jistabbilixxi illi l-mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat *"jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli"*.

17. Is-sekwestrati bbażaw it-talbiet tagħhom fuq is-segwenti raġunijiet, illi, fl-opinjoni tagħhom, jiġġustifikaw ir-revoka ai termini tal-artikoli suriferiti:

   a. **l-ammont mitlub mhux ġustifikat u/jew eċċessiv, ai termini tal-836(1)(d) tal-Kap 12:** Is-sekwestrati jsostnu illi fil-mandat kawtelatorju ma ngħatat l-ebda spjega minn fejn is-sekwestranti waslu għall-ammont mitlub, u ma ngħatat l-ebda prova illi tikkonferma illi attwalment l-ammont pretiż huwa ġust. Għaldaqstant, il-pretensjoni ma tirriżultax *prima facie*, u ma tagħtix lok għal *fumus juris*. In oltre, lanqas hemm indikazzjoni jekk kull sekwestrat għandux iħallas parti mill-ammont pretiż, jew inkella l-ammont kollu kull wieħed;

b. **l-ammont pretiż ġie diġa ddepożitat taħt l-awtorita' tal-Qorti, ai termini tal-836(1)(c), (e) u/jew (f) tal-Kap 12:** Is-sekwestrati jsostnu illi huma ben likwidi u li l-assi tagħhom jiswew il-flus, u għalhekk, minbarra l-fatt illi l-ammont kawtelat diġa ġie depożitat fir-Reġistru tal-Qorti, hemm biżżejjed garanziji illi jiggarantixxu illi d-dritt tas-sekwestranti jiġi protett fil-futur mas-sentenza finali fil-kawża mressqa mal-mandat. Għaldaqstant, jirriżulta illi hemm kawtela biżżejjed a sodisfazzjon tal-ammont pretiż li jagħmel iż-żamma tal-mandat impunjat bħala wieħed mhux ġustifikabbli u validu skont is-sub-paragrafu (f), u dan għaliex hemm ammont li ġie salvagwardat skont kif maħsub fis-sub-inċiżi (ċ) u (e);

18. Is-sekwestrati jsostnu wkoll illi l-mandat odjern ħareġ b'mod abbużiv u sabiex issir pika żejda u bla kontroll fuq is-sekwestrati. Huma jikkontendu illi l-konjuġi Chetcuti qatt ma nnegozjaw ma' xi ħadd mis-sekwestranti, u lanqas qatt ma ġew intavolati proċeduri mis-sekwestranti sabiex isir *lifting of the corporate veil* fil-konfront tagħhom. In oltre, is-sekwestranti jirreferu wkoll għall-fatt illi l-mandat huwa sajjem minn kull referenza jew informazzjoni dwar f'hiex tikkonsisti ċ-ċifra ta' €435,000, u jissottomettu illi dawn huma manuvri deplorevoli da parti tas-sekwestranti. Għaldaqstant jitolbu lil din il-Qorti tordna illi s-sekwestranti jiġu kundannati jħallsu penali lis-sekwestrati rikorrenti ai termini tal-Artikolu 836(8) tal-Kap 12;

19. Finalment, ir-rikorrenti talbu wkoll illi, fil-każ illi din il-Qorti ma tirrevokax il-mandat odjern, is-sekwestranti jiġu ordnati jagħtu garanzija ai termini tal-Art 838A tal-Kap 12, u dan tenut kont taċ-ċirkostanzi ferm dubbjużi tat-talbiet tal-atturi, tal-fatt li ma ġiex indikat kif is-sekwestranti waslu għall-ammont pretiż, u tal-fatt illi l-ammont mitlub huwa sostanzjali.

**Risposta għat-Talba għal Revoka mis-Sekwestranti Amir Limited, u Mamdouh u Maria konjuġi AltIlas**

20. Mill-banda l-oħra, b'nota risponsiva għat-talba tas-sekwestrati datata tmienja u għoxrin (28) ta' Diċembru 2021, is-sekwestranti ssottomettew:

a. Fir-rigward tat-talba magħmula ai termini tal-**Artikolu 831 tal-Kap 12**: Il-mandat odjern ġie mressaq kontestwalment mal-kawża b'referenza numru 997/2021, u kopja tal-att ġudizzjarju ġiet mehmuża mar-rikors għall-ħruġ tal-istess mandat. L-oriġini u x-xorta ta' debitu huma ben delineati u definiti, kif inhu wkoll ben delineat u definit l-ammont ta' flus kawtelat;

b. Fir-rigward tat-talba għal revoka ai termini tal-**Artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12**: Il-mandat odjern huwa msejjes a bażi ta' relazzjoni ta' perit tekniku u mibni fuq il-formola stabbilita mill-Qrati tagħna. Ħarsa lejn id-dokumenti mehmuża mar-rikors ġuramentat bir-referenza numru 997/2021 tistabbilixxi illi l-jedd *prima facie* jeżisti bl-ammont kawtelat, u li l-istess ammont ma huwiex wieħed eċċessiv;

c. Fir-rigward tat-talba għal revoka ai termini tal-**Artikoli 836(1)(ċ), (e) u (f) tal-Kap 12:** In vista tal-fatt illi ma sarx depożitu taħt l-awtorita' tal-Qorti ta' flejjes illi jappartjenu lil Joseph Chetcuti, u lanqas ġie indikat kemm flejjes minn dawk depożitati jappartjenu lil Lourdes Chetcuti u J & C Contracts Limited rispettivament, ir-drittijiet tas-sekwestranti għadhom ma humiex imqiegħda fiż-żgur, stante illi, fir-rigward ta' Joseph Chetcuti għad m'hemmx garanzija, filwaqt illi fil-każ ta' Lourdes Chetcuti u J & C Contracts Limited, m'hemmx indikazzjoni dwar kemm mis-somma depożitata permezz taċ-ċedola tappartjeni lil min;

21. F'dak li jirrigwarda l-ħlas ta' penali ai termini tal-**Art 836(8) tal-Kap 12**, is-sekwestranti jissenjalaw illi r-rikorrenti sekwestrati ma jindikawx fuq liema sub-inċiż tal-art 836(8) tal-Kap 12 qed tiġi msejsa t-tielet talba tar-rikorrenti, u jsostnu illi l-mandat huwa wieħed validu, ġust u meqjus, u kellu jsir sabiex is-sekwestranti jikkawtelaw il-posizzjoni tagħhom u sabiex jiġi evitat kull possibbli tberbiq u l-konsegwenti insolvibilta' u/jew spustjar tal-assi tal-esekutata, bi preġudizzju għad-drittijiet tas-sekwestranti;

22. Finalment, f'dak li jirrigwarda t-talba tar-rikorrenti għal garanzija ai termini tal-**Art 838A tal-Kap 12**, is-sekwestranti jikkontendu illi t-talba għall-garanzija hija konsewgenzjali għall-impożizzjoni tal-penali u danni ai termini tal-Artikolu 836 tal-Kap 12, li talba fit-termini tal-Art 838A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma tistax tintlaqa' jekk ma tintlaqax it-talba ft-termini tal-Artikoli 836(8) u (9) tal-Kap 12.

**Il-Qorti**

23. Wara illi rat id-dokumenti esebiti mill-partijiet u l-atti kollha preżentati;

24. Reġgħet rat id-digriet tagħha stess tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Novembru 2021 illi fih iddikjarat kienet sejra tgħaddi sabiex tipprovdi kameralment fuq il-mertu tar-rikors wara illi tiġi preżentata r-risposta tas-sekwestranti;

25. Konsegwentement tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet dwar ir-Revoka tal-Mandat *In Vigore***

26. Jiġi primarjament senjalat illi l-istħarriġ illi tagħmel il-Qorti f'rikors bħal dak odjern huwa pjuttost limitat, u d-deċiżjoni illi tieħu l-Qorti f'dan l-istadju m'għandux jiġi interpretat bħala ġudizzju dwar il-mertu tal-kawża. Hekk ġie ritenut minn din il-Qorti kif diversement presjeduta f'digriet fl-ismijiet ***Dom Communications Ltd vs Office Group Limited***[1]:

> *Tqis illi fir-rigward tal-proċeduri li jsiru ai termini tal-Artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li hija b'ebda mod ma għandha tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati tagħna, il-proċedura maħsuba*

[1] Ċit Nru 1183/2014, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Lawrence Mintoff, 28 t'April 2015. Ara wkoll ***Fatima Zahra Zeroual vs Hashin Kuduzovic***, Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru 1009/17, Onor Imħ Francesco Depasquale, 13 ta' Mejju 2021

*fl-Artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' prima facie. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża* ***"Camilleri vs Govè et"*** *deċiża fl-10 ta' Mejju 2001 b'dan il-kliem:*

> *"mid-dispożizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja."*

*Tqis illi fl-ambitu tal-eżami prima facie li jrid isir minn din il-Qorti skont din il-proċedura sabiex jiġi aċċertat jekk l-ammont mitlub li jiġi kkawtelat bil-Mandat huwiex ġustifikat jew le, ikun xi jkun l-eżitu ta' dan l-eżami prima facie, kemm jekk tiġi milqugħha t-talba għar-revoka tal-Mandat u kemm jekk ma tiġix milqugħa, dan bl-ebda mod ma jinċidi fuq l-eżitu tal-kawża dwar il-mertu.*

*Tqis illi f'każ li tiġi milqugħha t-talba għall-ħruġ ta' kontro-mandat wara l-aċċertament prima facie li jrid isir skont din il-proċedura, xorta waħda t-talbiet fil-mertu jistgħu jirnexxu wara li jkunu nstemgħu l-provi kollha fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Bl-istess mod f'każ li t-talba għall-ħruġ ta' kontro-mandat tiġi miċħuda wara l-eżami prima facie li jsir skont l-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, dan ma jfissirx li t-talbiet fil-mertu bilfors se jirnexxu. Eżami prima facie huwa wieħed preliminari, mhux fil-fond, u dak li jirriżulta mad-daqqa t'għajn.*

27. Il-każ odjern jikkonċerna talba għal dikjarazzjoni ta' nullita' għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru *de quo* stante illi ma jsegwix ir-rekwiżiti tal-artikolu 831 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u talba għar-revoka tal-istess mandat ai termini tal-artikolu 836(1)(c), (d), (e) u/jew (f);

**(A) <u>L-Artikolu 831 tal- Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta</u>**

28. L-Artikolu 831 tal-Kap 12 jistabbilixxi illi t-talba għall-ħruġ t'att kawtelatorju għandha ssir b'rikors imħejji mir-rikorrenti, u jkun fiha, <u>taħt il-piena tan-nullita' tal-att</u>, minbarra xi partikolaritajiet oħra li jistgħu ikunu ordnati b'regolamenti:

a. *"l-oriġini u x-xorta tad-debitu jew il-pretensjoni li wieħed ikun irid iqiegħed fiż-żgur;"* u
b. *"l-ammont li għalih tammonta t-talba"*, liema talba tista' tispeċifika u tinkludi l-ispejjeż ġudizzjarji kollha; u
c. *"Ir-rikors għandu jiġi konfermat mir-rikorrent bil-ġurament"*.

29. Ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Av Dr James Scerri Worley et vs Zorin Properties Limited et***[2] illi:

> *Wara kollox, il-liġi ma tgħidx li biex jista' jinħareġ mandat kawtelatorju, is-sekwestrant irid ifisser kif inbena l-ammont li jixtieq jikkawtela bil-ħruġ tal-mandat (ara* ***C & F Building Contractors Limited v. Emanuel Farrugia*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Awwissu,* [2014]*);*
>
> *Kif ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, f'****Karmena Callus et v. Dione Cassar et*** *deċiż fil-21 ta' April, 2014,*

[2] Rik Nru 1156/2021 wara l-mandat ta' sekwestru numru 1526/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Christian Falzon Scerri, 14 ta' Diċembru 2021. Ara wkoll Rik Nru 1137/2021 wara l-mandat ta' sekwestru numru 1601/2021 fl-ismijiet ***BM Support Services Limited u BM IT Limited vs Jonathan Abela***, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Neville Camilleri, 16 ta' Diċembru 2021.

*"mkien ma huwa mitlub fil-liġi li l-kreditur eżekutant ta' mandat kawtelatorju irid tabilfors iressaq ukoll xi dokumenti li juru jew isaħħu t-talba. Dak li titlob il-liġi huwa li r-rikorrenti, bil-ġurament tiegħu, jsemmi x'inhu l-oriġini tad-dejn u, ladarba l-pretensjoni hija dwar dejn jew talba li tkun sodisfatta bi ħlas ta' ammont ta' flus, "l-ammont li għalih tammonta t-talba"." (ara* ***artikolu 831 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta****)*

*M'hemmx għalfejn li min joħroġ mandat ifisser fit-tul id-dettal tal-kreditu jew tal-pretensjoni li tkun. Ikun biżżejjed li, fi ftit kliem, jagħti stampa ċara ta' dak il-jedd jew pretensjoni li huwa jkun irid jikkawtela bil-ħruġ tal-mandat li jkun (ara* ***M.I.M.S. Supplies Limited v. Ivan Calleja*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Jannar, 2009);*

30. Il-Qorti tibda billi tinnota illi, fid-dawl tal-ewwel talba magħmula, kienet tippretendi illi r-rikorrenti sekwestrati, mill-inqas, jippreżentaw mar-rikors tagħhom kopja tar-rikors għall-ħruġ tal-mandat odjern, b'dana illi l-Qorti jkollha quddiemha d-dokument illi fuqu hija bbażata l-istess talba. Fin-nuqqas, iżda, tar-rikorrenti sekwestrati illi jagħmlu dan, il-Qorti ma kellha l-ebda alternattiva għajr illi tagħmel l-indaġini tagħha sabiex taċċerta ruħha illi l-osservazzjonijiet u l-konklużjonijiet tagħha jkunu bbażati fuq il-forma tar-rikors għall-ħruġ tal-mandat innifsu, u mhux fuq is-sottomissjonijiet magħmula mill-partijiet fir-rikors odjern u fin-nota risponsiva rispettivi tagħhom;

31. Il-Qorti tinnota illi r-rikors għall-ħruġ tal-mandat odjern jindika b'mod ċar illi l-mandat ġie intavolat *"in kawtela tas-somma reklamata mis-sekwestranti permezz tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet premessi, mressaq kontestwalment ma' dan l-att ġudizzjarju u li kopja tiegħu qiegħda tiġi hawn*

*unita"*. L-ammont li għalih tammonta t-talba ġie indikat fir-rikors għall-ħruġ tal-mandat bħala erba' mija u ħamsa u tletin elf Ewro (€435,000);

32. Fir-rikors ġuramentat li ġie anness mar-rikors għall-ħruġ tal-mandat, imbagħad, is-sekwestranti jidħlu aktar fid-dettal dwar dak illi jikkostitwixxi l-pretensjoni tagħhom, u, difatti, ġie indikat f'paragrafi 13 u 14 tar-rikors ġuramentat illi:

> *13. Minn dan l-iżvilupp, konsistenti fi tliet three-bedroom apartments u penthouse, ir-rikorrenti Amir Limited kienet prospettata li taqla' profitt gross ta' erba' mija ħamsa u tletin elf Ewro (€435,000) – dok 'G'.*
>
> *14. Bi ħtija unikament tal-intimati pero', ir-rikorrenti Amir Limited tilfet, minħabba insuffiċjenza ta' finanzi għax-xiri, l-akkwist tal-fond fuq imsemmi ġewwa Ħal Balzan u l-konsegwenti qliegħ mill-iżvilupp u eventwali trasferiment tal-istess. Dan l-akkwist kellu jiġi finanzjat mir-rikavat tal-konjuġi Altllas mill-bejgħ tad-diversi units ġewwa l-kumpless illum magħruf bħala 'Amir Mansions' ġewwa n-Naxxar. Qabel is-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti Ċivilli (Sezzjoni tal-Kummerċ) tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) (Rikors nru. 64/2020 JZM fl-ismijiet <u>Mamdouh Altllas (KI nru 62005A) u martu Maria Altllas (KI nru 354979M) kontra Reġistratur tal-Kumpaniji u Joseph Chetcuti (KI nru 435069M) u martu Lourdes Chetcuti għal kull interess li jista' jkollhom</u>) ir-rikorrenti konjuġi Altllas ma setgħux iwettqu ebda wiegħda ta' bejgħ u xiri għad-diversi units ġewwa l-kumpless illum magħruf bħala 'Amir Mansions' ġewwa n-Naxxar biex b'hekk il-finanzjament meħtieġ minn Amir Limited għall-akkwist tal-fond ġewwa Ħal Balzan ma setax jimmaterjalizza ruħu.*

33. Filwaqt illi huwa minnu illi s-sekwestranti setgħu kienu aktar ċari u skjetti fir-rikors għall-ħruġ tal-mandat odjern, il-Qorti ma sabithiex wisq bi tqila illi tgħaqqad immaġini ta' dak illi qiegħed jiġi mitlub fil-proċeduri odjerni. Minn eżami mad-daqqa t'għajn tar-rikors ġuramentat u tar-rikors għall-ħruġ tal-mandat, u mingħajr ma għamlet xi eżami dettaljat tar-rikors ġuramentat, u/jew tar-rikors għall-ħruġ tal-mandat odjern, il-Qorti setgħet faċilment tikkonkludi illi:

   a. Dak illi s-sekwestranti qegħdin jitolbu huma danni minnhom sofferti per konsegwenza t'allegat aġir tas-soċjeta' J & C Contracts Limited u l-azzjonisti tagħha;

   b. L-ammont illi għalih tammonta t-talba tas-sekwestranti huwa ta' €435,000, skont il-prospett f'**Dok G** anness mar-rikors ġuramentat; u

   c. Dan l-ammont qiegħed jiġi pretiż bħala telf ta' profitt gross minnhom soffert per konsegwenza tal-fatt illi s-soċjeta' J & C Contracts Limited ma setgħetx tersaq għar-riduzzjoni u finali kanċellament tal-iskrizzjoni ta' Privileġġ Speċjali bin-numru progressiv 21226/2018;

   d. Dan kollu ġie konfermat bil-ġurament minn Mamdouh Altllas fir-Reġistru tal-Qorti nhar il-ħdax (11) t'Ottubru 2021;

   Għaldaqstant, il-Qorti ma tikkondividix il-fehma tar-rikorrenti sekwestrati illi jirriżulta nieqes xi wieħed mir-rekwiżiti ai termini tal-Artikolu 831 tal-Kap 12;

34. Konsegwentement, il-Qorti **<u>tiċħad l-ewwel talba tas-sekwestrati rikorrenti</u>**.

**(B) <u>L-Artikolu 836(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta</u>**

35. L-artikolu 836(1) jipprovdi illi att kawtelatorju jista' jiġi revokat *"**għal xi waħda** minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin"*[3], b'dana illi r-raġunijiet għar-revoka ta' att kawtelatorju elenkati fl-istess artikolu għandhom jiġu interpretati bħala raġunijiet alternattivi, u mhux kumulattivi. Isegwi għalhekk illi att kawtelatorju jista' jiġi revokat anke fil-każ illi tissussisti raġuni waħda biss minn dawk kollha elenkati fl-art 836(1);

36. Għaldaqstant, il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkunsidra kull wieħed mill-provvedimenti tal-liġi msemmija fit-talba tar-rikorrenti separatament:

## (B.1) Artikolu 836(1)(d)

37. L-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 jistabbilixxi illi mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat *"(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv;"*

38. Ir-rikorrenti jinvokaw ir-raġuni għal revoka kontemplata fl-Art 836(1)(d) għal żewġ raġunijiet:

    (i) Fl-ewwel lok isostnu illi m'hemm l-ebda indikazzjoni fil-mandat ta' sekwestru illi turi kif ġiet formulata ċ-ċifra pretiża, u li għalhekk l-ammont mhux ġustifikat u konsegwentement eċċessiv;

    (ii) Fit-tieni lok isostnu illi mhux indikat jekk kull sekwestrat għandux iħallas parti mill-ammont kawtelat, jew inkella l-ammont kollu kull wieħed;

39. Din il-Qorti kif diversement presjeduta, fid-digriet fl-ismijiet ***Johan Huy pro et noe vs Mark Attard***[4], spjegat:

[3] Emfasi tal-Qorti
[4] Rik Nru 656/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Christian Falzon Scerri, 21 ta' Lulju 2021

*20. Bħala daħla, tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu illi mandat kawtelatorju huwa maħsub biex iħares pretensjoni ta' kreditur sakemm tinqata' kawża, ħalli jekk kawża tinqata' favurih, huwa jkun jista' jinforza s-sentenza fuq il-ġid tad-debitur li jkun ġie milqut bil-mandat. Fi kliem ħafif, il-mandati kawtelatorju qegħdin hemm, ħalli sakemm tinqata' l-kawża, id-debitur ma jaħbix flusu jew ma jnaqqasx minn ġidu biex dan jevita milli jħallas lill-kreditur f'każ li d-debitur joħroġ tellief mill-kawża (ara* ***Ignazio Gatt v. Żakkarija Calleja*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' April, 2019). Għalhekk il-mandati kawtelatorji huma sa ċertu punt għodda ta' serħan tal-moħħ għall-kreditur, li huwa ħa jkollu minn fejn jista' jitħallas jekk jingħata raġun fis-sentenza finali;*

40. Sabiex, imbagħad, jiġi revokat mandat ai termini tal-art 836(1)(d) tal-Kap. 12, hekk kif ġie ritenut ukoll fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Office Group Limited vs Jamar Malta Limited***[5]:

*Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimat eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti;*

[5] Rik Nru 688/2012, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Joseph R Micallef, 10 t'Awwissu 2012

*Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eċċessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'mandat kawtelatorju jkun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx tabilfors għat-tħassir tal-mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat;*

41. Din il-Qorti sejra tibda biex teżamina jekk jirriżultawx mad-daqqa t'għajn illi s-sekwestranti għandhom **bażi ta' pretensjoni**. Il-mandat ta' sekwestru odjern ġie marbut mar-rikors ġuramentat preżentat kontestwalment mal-mandat. Fir-rikors ġuramentat, is-sekwestranti qegħdin jallegaw illi soffrew danni għaliex is-soċjeta' J & C Contracts Limited ġiet kanċellata u mħassra mir-Reġistru tal-Kumpaniji per kawża t'aġir tal-azzjonisti konjuġi Chetcuti, bil-konsegwenza illi l-Privileġġ Speċjali illi s-soċjeta' J & C Contracts Limited kellha fuq il-proprjeta' tal-konjuġi Altllas fin-Naxxar ma setgħetx tinbiegħ. Dan, qed jallegaw is-sekwestranti, wassal sabiex tisfaxxa fix-xejn il-*business plan* illi jidher illi kellha s-soċjeta' Amir Limited rigward is-sit f'Ħal Balzan. Din il-Qorti mhix f'pożizzjoni, f'dan l-istadju, illi tindaga jekk il-pretensjonijiet tas-sekwestranti humiex siewja jew le, jew jekk humiex mistħoqqha jew le, stante illi, hekk kif ġie spjegat f'ġurisprudenza suċitata, tali eżami jmur oltre mill-mansjoni tal-Qorti f'dawn il-proċeduri. Madanakollu, il-Qorti tinnota wkoll illi ma jistax jingħad illi mad-daqqa t'għajn is-sekwestranti m'għandhomx bażi legali sabiex jikkawtelaw il-pretensjonijiet tagħhom sakemm tingħata sentenza finali fil-mertu;

42. Dwar dik illi hija l-**likwidazzjoni tal-pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont maħluf**, il-Qorti tagħmel referenza għal dak illi diġa ġie senjalat aktar 'il fuq fir-rigward tal-Artikolu 831 tal-Kap 12. Il-liġi ma titlob xejn għajr illi jiġi indikat l-oriġini u x-xorta ta' debitu jew tal-pretensjoni tas-sekwestranti, u l-ammont illi għalih tirreferi t-talba. Kif diġa ġie ampjament diskuss aktar 'il fuq, dan, fil-fehma tal-Qorti, kollu jirriżulta mir-rikors għall-

ħruġ tal-mandat u d-dokumenti annessi. Mar-rikors ġuramentat, is-sekwestranti saħansitra jmorru pass oltre minn dak rikjest mil-liġi, u jannettu prospett redatt mill-Perit David Ellul Mercer[6] illi jindika eżattament kif wasal għaċ-ċifra ta' erba' mija u ħamsa u tletin elf Ewro (€435,000). Naturalment, f'dan l-istadju, kwalsiasi dikjarazzjoni ta' din il-Qorti rigward jekk l-ammont pretiż huwiex mistoqq jew għoli wisq fid-dawl tal-pretensjoni u l-fatti tal-każ, tmur lil hinn mill-parametri illi hija mistennija tibqa' fihom il-Qorti fi proċeduri bħal dawk odjerni. Madanakollu, din il-Qorti hija tal-fehma illi ma huwiex il-każ illi l-ammont kawtelat huwa esaġerat jew eċċessiv fid-dawl tat-talba illi qiegħda ssir fir-rikors ġuramentat. Difatti, huwa preċiżament l-istess ammont indikat fir-rikors ġuramentat illi qiegħed jiġi kawtelat permezz tal-mandat odjern, tant illi l-kawżali fir-rikors għall-ħruġ tal-mandat saħansitra jagħmlu referenza għar-rikors ġuramentat innifsu;

43. Konsegwentement, il-Qorti **<u>tiddikjara illi ma ġiex sodisfaċentement pruvat illi tissussisti raġuni għar-revoka ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12</u>.**

**(B.2) <u>Artikolu 836(1)(ċ) u Artikolu 836(1)(e)</u>**

44. L-Artikolu 836(1)(ċ) jipprovdi għal revoka t'att kawtelatorju fil-każ illi *"jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjoni tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni"*. Mill-banda l-oħra, l-Artikolu 836(1)(e) jipprovdi għal revoka t'att kawtelatorju fil-każ illi, *"il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed"*;

[6] **Dok G** anness mar-rikors ġuramentat anness mal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju. Referenza għall-istess dokument saret ukoll mis-sekwestranti fin-nota risponsiva tagħhom għar-rikors odjern.

45. Rigward is-sub-inċiż (ċ) ingħad minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***L&M Camilleri Limited vs Panor Limited***[7] illi:

> *"Biex ikun jista' jingħad li hemm garanzija xierqa oħra li tagħmel tajjeb għall-pretensjoni tal-kreditur esekutant skond dan l-artikolu, irid jintwera li tali garanzija tinstab fi ħdan il-persuna tad-debitur esekutat. Di piu', f'materja ta' garanzija xierqa alternattiva, il-piż tal-prova li jeżisti ġid ieħor li jista' jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-intimat eżekutant jaqa' biss fuq il-parti eżekutata rikorrenti. Fuq kollox, tali garanzija trid tkun waħda soda, ċara u realizzabbli lill-eżekutant (ara fost oħrajn* ***Digriet tat-18 ta' Settembru 2002 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet John Zarb vs Port Cottonera Ltd, Digriet tal-5 ta' Ġunju tal-2003 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut*** *u* ***Digriet tat-3 ta' Awwissu tal-2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri pro et noe et****)."*

46. Mill-banda l-oħra, f'dak illi jirrigwarda l-artikolu 836(1)(e), ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Raymond Mifsud vs Jesmond Micallef***[8] illi:

> *"Din il-parti tal-liġi trid tinqara fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 830(2)(a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi hekk:*
>
> *"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 870 u tal-artikolu 357 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, dawk l-atti msemmijin fis-subartikolu (1) jiġu mħassra, kemm-il darba l-parti li kontra tagħha l-att ikun ġie maħruġ, tagħmel depożitu jew tagħti garanzija illi, fl-opinjoni tal-qorti, skont*

[7] Rikors Nru 1080/21 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 1282/2018, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Toni Abela, 6 ta' Diċembru 2021

[8] Rikors Nru 1058/2020 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 370/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Toni Abela, 15 ta' Frar 2021

*iċ-ċirkostanzi tal-każ, ikunu biżżejjed biex iqiegħdu fiż-żgur il-jeddijiet jew il-pretensjonijiet imsemmija fl-att, jew jekk jintwera li l-att ġudizzjarju li bih tiġi aċċettata r-responsabbilita' kif imsemmi fis-subartikolu (3) ġie preżentat fir-reġistru xieraq."*

*Fil-fehma ta' din il-Qorti, din ix-xorta ta' garanzija hija differenti minn dik li jipprospetta l-artikolu 836(1)(c) tal-Kap 12, li ser ikun trattat aktar 'l isfel. Ai fini tas-subinċiż (e), din il-garanzija trid tkun* ***"mogħtija" ex post facto*** *u cioe wara li jkun inħareġ il-mandat. Din tista' anke ssir permezz ta' depożitu. Jekk dan ikun biżżejjed biex tissodisfa u tkopri l-pretensjoni, il-mandat għandu jitneħħa. Mentri, dik ix-xorti ta' garanzija taħt is-subinċiż (ċ) trid tkun waħda esistenti, jiġifieri li tesisti* ***fil-mument li nħareġ il-mandat****. [...]*

*Il-Qorti ssostni li biex garanzija tkun konformi mal-kwalitajiet rikjesti minn dan l-artikolu, il-kreditur irid ikollu moħħu mistrieħ, li fir-rejalizzazzjoni ta' dik il-garanzija, mhux raġjonevolment mistenni li jiltaqa' ma' xi ostakoli biex jitħallas. Dan ma jfissirx li dawn l-ostakoli jridu jkunu jidhru jew jesistu fil-mument tal-esistenza tal-garanzija; hija biżżejjed il-potenzjalita' jew il-possibilta' li jirrikorru dawn l-ostakoli.*

47. Il-Qorti tinnota illi l-ebda wieħed minn dawn ir-raġunijiet ta' revoka ma jsibu applikazzjoni għall-każ odjern, u dan għas-segwenti raġunijiet:

    a. <u>F'dak illi jirrigwarda s-sub-inċiż (ċ)</u>: Fl-ewwel lok, il-Qorti tissenjala illi ma nġabet l-ebda prova illi s-sekwestrat Joseph Chetcuti għandu fi ħdanu xi forma ta' garanzija illi tista' tagħmel tajjeb għall-pretensjoni tas-sekwestranti. Għaldaqstant il-Qorti ma tistax tikkunsidra illi nġabet prova ta' garanzija sodisfaċenti mis-sekwestrati ai termini tas-sub-inċiż (ċ), stante illi m'hemm xejn in atti

illi jikkonvinċiha illi fl-eventwalita' illi l-Qorti tasal tiddeċiedi fil-kawża fil-mertu illi Joseph Chetcuti għandu jirrispondi għal xi porzjon mid-danni pretiżi mis-sekwestranti, l-ammont dovut lis-sekwestranti jkun kopert. Fit-tieni lok, għalkemm huwa minnu illi s-sekwestrati jindikaw fin-nota risponsiva tagħhom illi huma għandhom diversi assi illi jistgħu jkopru l-eventwali danni fil-każ illi l-kawża fil-mertu jkollha eżitu favur is-sekwestranti, is-sekwestrati jonqsu milli jġibu prova ċara tal-istess. Ġurisprudenza suċitata wriet illi l-piż tal-prova li jeżisti ġid ieħor illi jista' jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tas-sekwestranti jinkombi fuq is-sekwestrati, iżda, madanakollu, is-sekwestrati naqsu milli jġibu tali prova;

b. <u>F'dak illi jirrigwarda s-sub-inċiż (e)</u>: Huwa minnu illi *ex post facto*, u cioe wara illi ntlaqgħet it-talba għall-ħruġ tal-mandat odjern, ġie depożitat mill-Bank of Valletta plc fir-Reġistru ta' din il-Qorti l-ammont kollu mitlub mis-sekwestranti[9]. Madanakollu, jiġi senjalat illi: (i) ma ġie depożitat l-ebda ammont illi jappartjeni lil Joseph Chetcuti, u għalhekk fir-rigward ta' Joseph Chetcuti ma ġiet mogħtija l-ebda garanzija; u (ii) ma ġiex indikat fiċ-ċedola ta' depożitu x'persentaġġ mill-ammont depożitat jappartjeni għas-soċjeta' J & C Contracts Limited u x'persentaġġ mill-ammont depożitat jappartjeni għal Lourdes Chetcuti. Il-Qorti ma tistax b'kuxjenza trankwilla tordna r-revoka tal-mandat odjern a bażi tal-fatt illi l-ammont mitlub ġie depożitat fir-Reġistru tal-Qorti, meta effettivament xorta m'għandha l-ebda indikazzjoni tal-likwidita' tas-sekwestrati fl-eventwalita' ta' eżitu favorevoli għas-sekwestranti fil-kawża fil-mertu. Dan għaliex il-Qorti m'għandha l-ebda garanzija illi, jekk per eżempju għall-grazzja tal-argument jiġi deċiż illi s-soċjeta' J & C Contracts Limited għandha tinżamm responsabbli għal ċertu persentaġġ mid-danni pretiżi, l-ammont depożitat illi jappartjeni lill-istess soċjeta' ikopri tali valur, jew, mill-inqas, ikopri parti sostanzjali minn tali valur. L-istess japplika wkoll għal Lourdes Chetcuti, u, aktar

[9] Annessa bħala **Dok A** mar-rikors ta' revoka in eżami

u aktar, għal Joseph Chetcuti, illi pertinenti lilu ma ġie depożitat fir-Reġistru tal-Qorti l-ebda ammont. Minkejja għalhekk illi ġie depożitat l-ammont kollu pretiż, xorta waħda ma nġabet l-ebda prova mis-sekwestrati illi tasal taċċerta lill-Qorti illi, fl-eventwalita' t'eżitu favorihom, is-sekwestranti mhux ser isibu xi ostaklu sabiex jiġbru l-ammont illi lilhom ikun dovut mis-sekwestrati rispettivi;

48. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, il-Qorti tiddikjara illi **ma ġiex sodisfaċentement pruvat illi jirriżultaw ir-raġunijiet għal revoka ai termini tal-Artikolu 836(1)(ċ) u (e).**

**(B.3) Art 836(1)(f) tal-Kap 12**

49. Ai termini tal-Artikolu 836(1)(f), mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat, *"jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli"*;

50. Taħt l-Artikolu 836(1)(f) jeħtieġ illi tissussisti bidla fiċ-ċirkostanzi illi tirrendi l-att kawtelatorju jew parti minnu superfluwu u inġustifikabbli. Hekk ingħad, *inter alia*, fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Andrew Corrieri vs Manti Salvatore noe***[10]:

> *Dwar jekk il-mandat għandux jitħassar fiċ-ċirkostanzi għaliex allegatament mhuwiex raġonevoli jew ġustifikat li jinżamm fis-seħħ, din il-Qorti diversament presjeduta fil-proċediment fl-ismijiet **Spiteri vs Darmanin** tat tifsira korretta u preċiża tal-artikolu 836(1)(f) fil-provvediment li tat fil-25 ta' Awwissu 2010:*

[10] Rikors Numru 439/2021 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 231/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 15 ta' Settembru 2021, Onor Imħ Anna Felice

> *"Illi jingħad ukoll li d-disposizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ (ara P.A. GC 3.8.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet "Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et").*

*Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ."*

*Finalment, fil-provvediment illi tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Awwissu 2012 fl-ismijiet* ***Jamar Malta Limited vs Office Group Limited****, saru dawn ir-rilievi:*

> *"Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet eżekutanti. Illi jingħad ukoll li d-disposizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-*

*każ. (ara wkoll – PA. JSP. 10 ta' Jannar 1992. "Spiteri vs Camilleri"; PA. RCP. 30 ta' Mejju 2002. "Yorkie Clothing Industry Limited vs Calleja Cremona"; u PA. GC. 3 ta' Awwissu 2001. "Fenech noe vs Spiteri noe et.").*"

*Fl-isfond ta dan l-insenjament huwa evidenti li dak meħtieġ li jiġi ppruvat għall-fini ta' din id-disposizzjoni huwa bdil fiċ-ċirkostanzi li jirrendu l-mandat mhux aktar raġonevoli jew ġustifikabbli, liema bdil fiċ-ċirkostanzi jrid jintwera li avveraw ruħhom wara d-data tal-ħruġ tal-mandat.*[11]

51. Ir-rikorrenti jitolbu r-revoka tal-mandat odjern ai termini tal-Artikolu 836(1)(f) għall-istess raġuni illi għaliha jitolbu r-revoka tal-mandat odjern ai termini tal-Artikoli 836(1)(ċ) u (e), u cioe stante illi ġie depożitat l-ammont kollu pretiż fir-Reġistru tal-Qorti. A skans ta' repetizzjoni inutili, din il-Qorti terġa' tagħmel referenza għal dak kollu illi ġie osservat fir-rigward tas-sub-inċiżi (ċ) u (e), u tirrendih ukoll applikabbli għas-sub-inċiż (f);

52. In oltre, iżda, il-Qorti tosserva wkoll illi lanqas huwa possibbli għaliha illi tirrevoka l-mandat in parti, u dan għall-istess raġunijiet spjegati aktar 'il fuq. Il-Qorti ma tistax tirrevoka l-mandat in parti, u cioe fil-konfront tas-soċjeta' J & C Contracts Limited, jew fil-konfront ta' Lourdes Chetcuti, meta effettivament m'għandha l-ebda ħjiel ta' lil min minnhom jappartjenu l-flus illi ġew depożitati fir-Reġistru tal-Qorti. Wisq u wisq anqas tista' l-Qorti tasal tirrevoka l-mandat odjern fil-konfront ta' Joseph Chetcuti meta ma ġew depożitati l-ebda flus pertinenti lilu. Jirriżulta b'mod mill-aktar ċar illi, minkejja d-depożitu, il-mandat xorta waħda għadu meħtieġ, stante illi l-hekk imsejħa bidla fiċ-ċirkostanzi minn meta nħareġ il-mandat xorta waħda ma tasalx tikkonvinċi l-Qorti illi l-pretensjoni tas-sekwestranti hija ben kawtelata;

---

[11] Ara wkoll: ***Lombard Bank plc vs Dr Melvyn Mifsud et***, Rik Nru 302/2015, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland, 30 t'April 2015 u ***George Cassar pro et noe et vs Emanuel Falzon et***, Rik Nru 741/2015, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland, 22 t'Ottubru 2015

53. Għaldaqstant, **<u>lanqas jirriżulta sodisfaċentement pruvat illi tissussisti r-raġuni għal revoka ai termini tal-Artikolu 836(1)(f)</u>.**

54. Konsegwentement, il-Qorti tgħaddi biex **<u>tiċħad ukoll it-tieni talba tas-sekwestrati rikorrenti</u>**.

**Kunsiderazzjonijiet dwar it-Talba għall-Penali ai termini tal-Artikolu 836(8) tal-Kap 12**

55. Fil-każ odjern, is-sekwestrati ma jindikawx taħt liema kap mill-erba' kapijiet imsemmija fl-artikolu 836(8) qegħdin jitolbu illi ssir il-kundanna tal-ħlas tal-penali; madanakollu, minn qari tar-rikors odjern, il-Qorti qed tasal tiddeduċi illi t-talba hija magħmula ai termini tas-sub-inċiż (d), u cioe: *"jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja"*;

56. Ġie ritenut fid-digriet fl-ismijiet ***HSBC Bank Malta plc vs Jan Sammut***[12]:

> *Tajjeb jingħad li l-mandati kawtelatorji jinħarġu fuq ir-responsabilita' ta' min jitlob il-ħruġ tagħhom.*
>
> *Il-vessatorjeta' twassal għar-responsabilita'. Min ikun adixxa lill-Qorti għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju u jkun ibbaża t-talba fuq ċirkostanzi manifesti 'priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promossa si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle conseguenze giuridiche che ne derivano non è sufficiente a legittimare una domanda per danni da parte del vincitore nella lite' (sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. XXVI.I.405**). Il-vessatorjeta' timplika grad ta' kolpożita' u kattiverija. Twassal ukoll għal abbuż tad-dritt ta' azzjoni ġudizzjarja.*

---

[12] Mandat Nru 1408/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Joseph Zammit McKeon, 2 ta' Lulju 2020

57. In oltre, fid-digriet fl-ismijiet ***Office Group Limited vs Jamar Malta Limited*** suċitat, il-Qorti kompliet telabora dwar il-penali kif isegwi:

> *Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi sabiex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi, iżda biżżejjed li tirriżulta waħda minnhom biex il-Qorti tista' taċċetta li tqis it-talba għall-kundanna tal-ħlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix l-istitut tal-mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż;*

58. Il-Qorti tqis illi s-sekwestranti għandhom *prima facie* pretensjoni, u li s-somma pretiża ġiet likwidata f'ammont illi jaqbel mal-ammont maħluf. Ġie osservat ukoll illi minkejja illi ngħatat garanzija, tali garanzija xorta waħda ma kinitx biżżejjed sabiex tasal tikkonvinċi lil din il-Qorti tirrevoka in toto jew in parte l-mandat odjern;

59. In kwantu jirrigwarda lill-konjuġi Chetcuti f'isimhom proprju, jidher illi huwa fatt mhux kontestat illi s-sekwestranti diġa' għaddew minn sitwazzjoni fejn

spiċċaw lampa stampa wara li s-soċjeta' J & C Contracts Limited ġiet kanċellata mir-Reġistru tal-Kumpaniji, u għalhekk il-Qorti tifhem illi s-sekwestranti riedu jaċċertaw ruħhom illi, fl-eventwalita' illi, fil-kawża dwar il-mertu, jirriżulta illi l-konjuġi Chetcuti għandhom b'xi mod jinżammu personalment responsabbli għad-danni, id-drittijiet tagħhom ikunu xorta ben kawtelati;

60. Fuq kollox, is-sekwestranti għandhom kull dritt illi jużaw l-armi illi tipprovdilhom il-liġi sabiex jikkawtelaw il-pretensjoni tagħhom sakemm tiġi deċiża kawża dwar il-mertu, u l-Qorti hija tal-fehma illi l-mandat odjern kien l-unika mezz illi permezz tiegħu setgħu jaċċertaw irwieħhom illi l-pretensjonijiet tagħhom huma sigurament kawtelati;

61. Għaldaqstant, il-Qorti **tiċħad it-tielet talba tas-sekwestrati rikorrenti**.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Garanzija ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap 12**

62. Is-sekwestrati qed jitolbu wkoll l-imposizzjoni ta' garanzija xierqa fuq is-sekwestranti ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap 12. Fid-digriet fl-ismijiet ***Dr Henri Mizzi vs Jebmed Srl***[13], din il-Qorti kif diversement presjeduta spjegat:

> *[I]l-liġi trid li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ ll-mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili;*

[13] Mandat Nru 964/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 12 ta' Settembru 2019, Onor Imħ Joseph R Micallef

*Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-eżekutat jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju u bħala konsegwenza ta' tali ħruġ, u dment li jikkonkorru l-elementi mitlub mil-liġi għal tali likwidazzjoni;*

*Illi l-ammont tal-garanzija li jrid jiġi ffissat irid iżomm bilanċ xieraq bejn il-jedd li persuna tressaq att kawtelatorju u biex tħares il-pretensjonijiet tagħha f'kawża pendenti, u l-effett li tali att iħalli fuq il-persuna li kontra tagħha jinħareġ dak il-mandat. Ta' min jgħid hawnhekk li l-ordni biex tingħata garanzija mhijiex l-istess bħal kundanna ta' penali jew kundanna għall-ħlas ta' danni: l-għan waħdieni tagħha huwa li tqiegħed lill-parti eżekutata f'qagħda li, meta u jekk tintemm proċedura jew kawża għal dan il-għan, issib assi li fuqhom tkun tista' teżegwixxi deċiżjoni favorevoli għaliha;*

63. Ġie ritenut ukoll, fuq l-istess linji, fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Portem Brew and Leisure Ventures Ltd vs DAAA Haus Ltd***[14]:

*Illi l-fatt li nħareġ mandat kawtelatorju kontra l-eżekutata mhux biżżejjed biex jitlob din il-garanzija. Dan il-fatt waħdu mhux il-kawża ġusta li trid il-Liġi. Li kieku kien hekk, il-Liġi kienet tgħid li kull min inħareġ mandat kontra tiegħu għandu jingħata garanzija, iżda l-liġi trid ukoll, barra l-ħruġ tal-mandat, li jkun hemm kawża ġusta. Mhux biżżejjed li eventwalment jista' jirriżulta li l-eżekutant ma jiħux raġun fil-mertu. Irid ikun hemm abbuż mill-proċedura ġudizzjarja, li jitqies biss f'każijiet eċċezzjonali li x'aktarx jintrabtu mal-qerq tal-persuna li tkun irrikorriet għaliha jew mal-frugħa tal-pretensjoni nfisha. "Il-prinċipju assodat mill-ġurisprudenza*

[14] Rikors nru 848/2018 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru nru 1306/2018, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Grazio Mercieca, 4 t'Ottubru 2018

> *lokali hija li eżerċizzju ta' dritt ma jista qatt iwassal għar-responsabbilta' għad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abbużat u jkun eżerċitat fil-limiti permessibbli mil-liġi."*

64. Il-Qorti, wara li qieset il-pożizzjoni tal-partijiet, tikkonkludi illi s-sekwestrati ma rnexxilhomx iġibu prova ta' *"raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti"* illi jistgħu jikkostitwixxu *"kawża ġusta"* illi a bażi tagħha l-Qorti għandha tordna illi titħallas garanzija;

65. Għaldaqstant, il-Qorti qegħda **<u>tiċħad ukoll ir-raba' talba tar-rikorrenti sekwestrati.</u>**

**Decide**

66. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **<u>tiċħad it-talbiet kollha</u>** tas-sekwestrati rikorrenti.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri riservati għall-ġudizzju finali.

**Digriet kamerali mogħti llum, il-Ġimgħa, 21 ta' Jannar 2022.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**